**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Josephine Grima**

**Romina Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Josephine Grima ta' 36 sena bint Alfred u Pauline nee' Cefai nee' Falzon imwielda Pieta' fil-11 ta' Lulju 1979 u toqghod 49, Flat 2, Triq San Pawl, Bormla, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 441879M u;

Romina Azzopardi ta' 27 sena bint Jason u Georgina nee' Farrugia imwielda Pieta' fil-15 ta' Gunju 1988 u toqghod 49, Flat 2, Triq San Pawl, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita' numru 280288M;

Talli fis-26 ta' Lulju 2015 ghall-habta tas-1am u/jew hinijiet qabel waqt li kinu fi Triq San Tumas, Hal Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1) ikkommettew serq semplici ta' diesel u/jew oggetti ohra minn trakk tal-ghamla DAF numru tar-registrazzjoni TFJ223 ghad-detriment ta' James Barbara mill-Fgura u/jew entitajiet u kumpaniji ohra liema serq aggravat bil-mezz, lok, hin u bix-xirta tal-haga misruqa;

Josephine Grima wehida:

2) akkuzata talli kisret il-kundizzjoni tal-Art 22 tal-Kap 446 moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. A. Bugeja LL.D.

Romina Azzopardi wehida akkuzata talli fis-26 ta' Lulju 2015 ghall-habta tas-1am u hinijiet u zminijiet qabel fit-Triq San Tumas, Hal Tarxien u f'dawn il-Gzejjer:

3) Saqet vettura tal-ghamla Opel Astra numru tar-registrazzjoni ABR168 minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kenitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni ghal terzi persuni;

4) U aktar talli fl-istess cirkustanzi saqet l-imsemmija vettura minghajr licenzja;

5) U talli fl-istess cirkustanzi bil-hsieb li taghmel uzu temporanju taghha saqet l-imsemmija kemm jekk immexxija b'forza mekkanika, kemm b'mezz iehor;

6) U aktar talli ghamlet reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. F. Depasquale LL.D.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-26 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), (e), (f), (g), 263, 264, 269, 270, 271, 28° u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ir-Regolament 93 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 13 tal-LS368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u gghalhekk tordna li jitqieghdu taht ordni ta' probation ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin ai termini tal-Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-iskwalifikatal-licenzja tas-sewqan ta' **Romina Azzopardi** ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**